MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 1057/2009

**Air Malta plc (C-2685)**

***kontra***

**CVB Services Limited (C-24026) u Carmvic Buontempo (122869M) personalment**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors tal-kumpannija Air Malta plc presentat fit-30 ta' Ottubru 2009 li jaqra hekk –

*Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2004 ir-rikorrenti Air Malta Plc u Carmvic Buontempo f'isem l-intimata CVB Services Limited dehru fuq skrittura privata li fiha l-intimata rrikonoxxiet li kienet dovuta minnha lir-rikorrenti s-somma totali ta' disgha u tletin elf tlett mija u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm39,380.50, illum ekwivalenti ghal*

*€91,731.89) u ntrabtet illi thallas din is-somma f'pagamenti rateali mensili.*

*Illi l-intimata ma onoratx dan il-ftehim u r-rikorrenti, nhar l-20 t'April, 2006 ipprezentat rikors guramentat kontra l-intimata CVB Services Limited ghall-ammont dovut (Air Malta p.l.c v CVB Services Limited 331/2006 LFS).*

*Illi fil-kors tal-procedura irrizulta illi CVB Services Limited ma kinitx ghadha topera tant illi r-rikorrenti minkejja diversi tentattivi ma rnexxilhiex tinnotifikaha fl-indirizz registrat taghha (22, St Helen Street, Birkirkara) u kellha tirrikorri ghal notifika bil-pubblikazzjoni u bl-affissjoni.*

*Illi nhar id-29 ta' Novembru, 2006 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba attrici u tat sentenza illi permezz taghha kkundannat lill-intimata CVB Services Limited thallas is-somma msemmija ta' Lm39,380.50 (illum ekwivalenti ghal €91,731.89) oltre spejjez u imghaxijiet legali [Dok. AM1].*

*Illi mid-data tas-sentenza lil hawn ma sar ebda pagament mill-intimata CVB Services Limited.*

*Illi minn ricerki fir-Registri tal-Qrati rrizulta illi l-kumpannija intimata hija wkoll debitrici ta' diversi kredituri ohra tant illi gew intavolati kontra l-kumpannija intimata diversi kawzi [kif jirrizulta mil-lista annessa bhala Dok. AM2] kif ukoll mandati ezekuttivi [lista ohra* AM 3*].*

*Illi ghalhekk jidher car li l-kumpannija intimata ma tistax thallas id-djun taghha fis-sens tal-Artikolu 214(5) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk hemm lok li l-kumpannija xxolji u tigi stralcjata gudizzjarjament kif irid l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386.*

*Illi minn ricerki li ghamlet ir-rikorrenti fis-sit tal-MFSA qabel intavolat dan ir-rikors irrizultalha wkoll illi :*

*(a) il-kumpannija hija single member company u Camvic Buontempo huwa l-uniku azzjonist, direttur tal-kumpannija u rapprezentant gudizzjarju tal-kumpannija.*

*(b) il-kumpannija ghandha biss kapital ta' elf lira Maltija (Lm1,000, illum ekwivalenti ghal €2,329.37) waqt illi d-djun taghha jlahhqu mal-hamsin darba dan il-kapital.*

*(c) minn dakinhar illi giet kostitwita fis-26 ta' Frar, 1999 l-intimata qatt ma rregistrat financial statements mar-Registratur tal-Kumpanniji u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap. 386. Dan johloq ukoll pregudizzju serju ghal kredituri u terzi li kienu jinnegozjaw mal-intimata li minhabba dan in-nuqqas mhumiex f'pozizzjoni illi jivverifikaw il-qaghda finanzjarja tal-intimata, illi anke biss mill-fatti hawn esposti tidher bic-car illi hija wahda gravi u inkwetanti.*

*(d) inoltre qatt ma gie pprezentat annual return bi ksur ripetut tal-Artikolu 184 tal-Kap. 386.*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti illi jirrizultaw mid-dokumenti li qed jigu hawn annessi bhala faxxikolu [Dok. AM4], l-esponenti tissottometti illi hemm lok illi l-kumpannija intimata xxolji u tigi stralcjata wkoll ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i) ["in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perijodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar"] u 214(2)(b)(iii) ["ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija"] tal-Kap. 386.*

*Illi inoltre, ghall-istess ragunijiet, l-esponenti bir-rispett tissottometti illi mhux biss hija CVB Services Limited insolventi imma wkoll illi fit-tmexxija taghha, l-uniku direttur u azzjonist Carmvic Buontempo wettaq kummerc bi frodi u/jew zbaljat fis-sens tal-Artikli 315 u 316 tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk hemm lok illi jinstab personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpannija.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, il-kumpannija esponenti Air Malta plc titlob bir-rispett lil, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata CVB Services Limited u dan ai termini tal-Artikoli 214(2)(a)(i),*

*214(2)(a)(ii) u 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Inoltre, din il-Qorti hija umilment mitluba illi ssib lil Carmvic Buontempo personalment responsabbli ghad-djun u l-obbligi tal-kumpannija intimata ai termini tal-Artikolu 315 u 316 tal-Kap. 386.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*
**Rat** id-dokumenti esebiti mar-rikors.

**Rat** li, ghalkemm il-kumpannija intimata kienet debitament notifikata skond il-ligi bl-atti u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, hija ma ressqet l-ebda risposta.

**Semghet** lil-Avukat Dottor Christopher Spiteri li s-soċjeta' rikorrenti ressqet bhala xhud fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2010.

**Qieset** il-provi u l-atti tal-kawza fl-assjem taghhom.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2010 fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Din hija kawza fejn it-**talba principali** tal-kumpannija rikorrenti hija x-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata CVB Services Limited (C24026) abbazi ta' l-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba tal-kumpannija rikorrenti qed issir fil-vesti taghha ta' kreditur tal-kumpannija intimata.

**It-talba l-ohra** tal-kumpannija kreditrici rikorrenti hija d-dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali ta' Carmvic Buontempo, direttur u azzjonista uniku tal-istess kumpannija intimata, ghad-djun u l-obbligi tal-kumpannija intimata abbazi tal-Artikolu 315 u 316 tal-Kap. 386.

**Ikkunsidrat –**

**Il-provi**

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta dan il-kwadru **xott ghall-ahhar** –

1) Skond sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 2006 (DOK AM1) fil-kawza "Air Malta plc vs CVB Services Limited", ir-rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-kumpannija intimata fl-ammont ta' Lm 39,380.50c, oltre l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji.

2) Skond ma jirrizulta mix-xhieda tal-Av. Christopher Spiteri, il-kumpannija rikorrenti ma pprezentat l-ebda mandati ezekuttivi kontra d-debitur taghha.

3) Skond DOK AM2, jirrizulta li l-kumpannija intimata kienet involuta f'erba' kawzi ohra ma' terzi – apparti dik tad-DOK AM1. Pero' mid-DOK AM2 ma jirrizultax jekk dawk l-erba' kawzi kienux decizi inkella ghadhomx pendenti.

4) Skond DOK AM3, jirrizulta li kienu prezentati mandat kawtelatorju u tliet mandati esekuttivi kontra l-kumpannija intimata. Ghalkemm l-erba' mandati jkopru kreditu komplessiv ta' €25,155.59 (Lm 10,799.29), ma jirrizultax jekk dak il-kreditu komplessiv ghadux pendenti.

5) Minn DOK. AM4, jirrizulta li l-kumpannija intimata kienet registrata fis-26 ta' Frar 1999 bin-Nru.C24176. L-intimat huwa l-uniku azzjonista u direttur, ghandu r-rapprezentanza legali tal-kumpannija u huwa s-segretarju tal-istess.

6) Mill-istess DOK. AM4, ma jirrizultax li kienu prezentati dokumenti rkjesti mill-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

7) Skond ma xehed l-Av. Christopher Spiteri, il-kumpannija intimata ma pprezentat l-ebda *audited accounts* kemm kienet ilha registrata. Din pero' mhix l-ahjar prova propju ghaliex ir-ricerka li ghamel dan ix-xhud kienet skond taghrif li tah haddiehor. L-ahjar prova kellha

ssir permezz ta’ rappresentanza tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) li kellu jkunu hu li jippresenta d-dokumenti socjetarji kollha tal-kumpannija intimata. Minn hemm kellu jirrizulta b’certezza u b’mod sodisfacjenti li l-kumpannija intimata kienet inadempjenti fl-obbligi taghha skond il-ligi. It-taghrif fornit mill-Av. Spiteri huwa *hearsay evidence* u nkonklussiv fl-assenza tal-ahjar prova attwalment disponibbli.

**Ikkunsidrat –**

L-onus tal-prova kien jispetta lir-rikorrenti – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fil-kaz tal-lum, ghalkemm l-intimati jinsabu fi stat ta’ kontumacja ghax ma pprezentawx risposta, il-kontumacja taghhom hija meqjusa bhala kontestazzjoni. Ghalhekk ir-rikorrent xorta wahda ghandha l-obbligu tiskarika l-piz tal-prova li jinkombi fuqha. Il-grad tal-prova rikjest huwa dak li bizzejjed inissel certezza morali f’mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Min-naha taghhom, l-intimati huma assistiti mill-presunzjoni li mhux obbligati jaghmlu l-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk r-rikorrenti ssodisfatx l-oneru tal-prova tal-fondatezza tal-pretensjoni taghha jew inkella ghandhiex din il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (**“Theuma vs Mercieca”** – Qorti tal-Appell 1996 u **“Fenech Clarke et vs Borg et”** – Qorti tal-Appell – 3 ta’ Mejju 1997).

**Ikkunsidrat -**

**Xoljiment u stralc – Diskrezzjoni tal-Qorti**

Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386 il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista’*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

F’dan il-kuntest, is-socjeta’ rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq is-subinciz (i) tal-paragrafu (a) **u** fuq is-subinciz (iii) tal-paragrafu (b).

**Art.214(2)(a)(i) ta' Kap. 386**

Is-subinciz (i) tal-paragrafu (a) jaqra hekk -

… *jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perijodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar.*

Din id-disposizzjoni ssib is-*source* taghha fl-Art.12(1)(d) tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra.

Il-***Palmer's Company Law*** ($25^{th}$ Edition – Sweet & Maxwell) ighid hekk dwar *failure to commence business or suspension of business -*

*The court's jurisdiction is discretionary and the fact that the petitioner can establish this ground does not give him an automatic right to an order (re. Metropolitan Railway Warehousing Co. Ltd. 1887.36 L J Ch 827). The court has refused to make an order where there are good reasons for the delay and where there are good reasons for the delay and where the great majority of members desire that the company shall continue. An order may however be made in appropriate circumstances against the majority's wishes.*

*Where the business has been merely suspended, the court must be satisfied of an abandonment or inability to carry on. In ascertaining such intention the court will have regard to the opinion and wishes of the majority of shareholders whose names appear on the register. Merely abandoning one of the several objects is insufficient. (re Norwegian Titanic Iron Co. [1866] 35 Beav. 223)*

Huwa ben evidenti li l-Qorti ghandha diskrezzjoni miftuha sabiex tqis bir-reqqa l-fatti u cirkostanzi li jingiebu a konjizzjoni taghha sabiex tiddeciedi jekk attwalment kienx hemm sospensjoni jew waqfien tan-negozju **u** jekk dik is-sospensjoni timmeritax li l-kumpannija tigi stralcjata.
Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova sabiex issostni l-pretensjoni taghha li n-negozju tal-kumpannija baqa' sospiz bla waqfien ghal sentejn. Lanqas irrizulta

almenu x'kienu l-*objects* tal-kumpannija ghax lanqas kopja ufficjali tal-*memorandum* u tal-*articles of association* ma kienet esebita. Anke li kieku kien pruvat b'mod konklussiv (li ma kienx fil-kaz tal-lum) li l-kontijiet annwali tal-kumpannija baqghu ma gewx presentati skond il-ligi lill-MFSA, dak bl-ebda mod ma jfisser li sehh dak li jinghad fl-Art.214(2)(a)(i).

Pero' jigi rilevat li anke li kieku kellu jkun pruvat (kif ma kienx fil-kaz tal-lum) li kien hemm sospensjoni, il-Qorti xorta wahda *tista'* tiddeciedi li ma tordnax l-istralc peress li l-ligi taghna fejn jidhlu *private companies* thalli f'idejn l-azzjonisti sabiex jirregolaw it-tmexxija tal-kumpannija.

**Art.214(2)(b)(iii) ta' Kap. 386**

Is-subinciz (iii) tal-paragrafu (b) huwa jekk –

*il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.*

Il-ligi ma taghtix tifsira tar-*ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.* Dan ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa' tal-gudikant sabiex jizen il-fatti u cirkostanzi ta' kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement. Fi kwalunkwe kaz, ir-*ragunijiet* ghalkemm mhux definiti jridu jkunu *gravi bizzejjed li jiggustifikaw* xoljiment u stralc.

Ir-rikorrenti, bhal donnu ghax mhux car ghal kollox, trid tghid li bil-fatt li l-kontijiet annwali tal-kumpannija ma gewx presentati lill-MFSA dak jikkwalifika bhala "raguni gravi bizzejjed". Kif diga' kien rilevat, fil-kaz tal-lum, ma hemmx prova konklussiva, sodisfacjenti u diretta ta' dan bhala fatt, u ghaldaqstant tenut kont li l-*benchmark* tal-Qorti huwa l-gravita' tar-ragunijiet, din il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta li dik id-disposizzjoni giet pruvata fil-kaz tal-lum.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi tar-ragunijiet ghax-xoljiment u stralc skond iz-zewg disposizzjonijiet fuq citati.

**Responsabilita' personali ta' Carmvic Buontempo**

Waqt din il-procedura ta' stralc promossa mir-rikorrenti *qua* kreditur, qed tkun invokata l-applikazzjoni tal-Art.315 u 316 tal-Kap.386 sabiex l-uniku direttur u azzjonista ta' l-kumpannija intimata u cioe' l-intimat Carmvic Buontempo jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-dejn tal-kumpannija intimata.

**Responsabilita' ghal kummerc bi frodi (Art.315)**

Ghar-rigward tal-Art.315 (*responsabilita' ghal kummerc bi frodi*) din il-Qorti tirrileva li dik id-disposizzjoni (*fraudulent trading*), kemm fl-ewwel (1) paragrafu li tittratta dwar ir-responsabilita' civili, kif ukoll fit-tieni (2) paragrafu li tittratta dwar responsabilita' kriminali, tapplika jekk *waqt l-istralc ta' kumpannija sew jekk b'ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna ohra jew bil-ghan ta' frodi.*

Din il-kwalita' tal-prova tispetta lill-kumpannija rikorrenti. Fil-kaz tal-lum din il-prova ma saritx. Lanqas saret il-prova sodisfacjenti ghax-xoljiment u stralc ma saret. Daqstant iehor ma kienx hemm il-prova skond l-Art.315 li tesponi lill-intimat Carmvic Buontempo ghal responsabilita' personali ghad-dejn tal-kumpannija intimata.

**Responsabilita' ghal kummerc hazin (Art.316)**

Skond ir-rikorrenti, ir-responsabilita' personali ta' Carmvic Buontempo ghad-dejn tal-kumpannija intimata jirrizulta mill-fatt li, bhala l-persuna li kienet effettivament tmexxi l-kumpannija, huwa agixxa bi hsara ghall-kredituri b'mod li kien responsabbli ghal *wrongful trading.* Effettivament dak li qed tallega r-rikorrenti huwa li Carmvic Buontempo qarraq bil-kredituri meta kompla jinnegozja meta kien jaf jew kellu jkun jaf li l-kumpannija intimata ma kenitx fi stat li thallas ghall-obbligazzjonijiet taghha.

Issa sabiex ikun hemm *wrongful trading* irid jirrizulta dak li jipprovdi l-Art.316. Skond dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali, minghajr l-ebda limitazzjoni, *meta kumpannija tkun giet xolta jew tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpannija kienet taf, jew inkella kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha* (paragrafu 1).

Din ukoll hija l-posizzjoni fil-ligi Ingliza li fuqha huwa bazat il-Kap.386. Fil-***Farrar's Company Law*** (Edit. 1998 – Pg.739) hekk hija definita *wrongful trading* –

*The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation.*

Din il-Qorti terga' ssostni li din il-kwalita' tal-prova kienet tispetta lill-kumpannija rikorrenti. Fil-kaz tal-lum din il-prova ma saritx. Diga' rajna li lanqas saret il-prova sodisfacjenti tar-ragunijiet ghax-xoljiment u stralc. Daqstant iehor ma kienx hemm il-prova li skond l-Art.316 li tesponi lill-intimat Carmvic Buontempo ghal responsabilita' personali ghad-dejn tal-kumpannija intimata.

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------